# BRINDISI

**VERSI TA' MARY MEYLAK**

**LI NQRAW WAQT IL-PRANZU MOGHTI B'ĊIEH**

**LIL DUN KARM PSAILA, D.Litt., u L-KAV. Dr. Ġ. GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H., FID-9 TA' DIĊEMBRU, 1951**

Darba qal poeta Malti:
"Mary Meylak żgur saħħara."
. .Ma hix hawn imma lsien tagħha
Sa jitfaċċa, issa tara!

Ma' Dun Karm u mal-Profs. Galea
Hawn iltqajna f'dan il-jum
Biex nuruhom kemm isimhom
Minn dil-"Għaqda" hu miqjum.

Għad li aħna m'aħniex qniepen
Biex indoqqu mota lkoll
Għandna lsienna, għandna l-pinna
U kulħadd lilhom sa jħoll.

Biex ħajr nagħtu lill-kbir Alla
Talli lkoll hawnhekk qegħdin
Biex nifirħu 'l Dun Karm tagħna
Talli wassal it-tmenin.

U nifirħu lill-Profs. Galea
U 's-Sinjura fl-istess ħin
Talli l-Gvern għoġbu jifdalu
F'idu s-Saħħa tal-Maltin.

Biex nifirħu 'l Dun Karm tagħna
Il-poeta l-kbir tal-Gżira
Illi żmienu tul is-sekli
Jibqa' mfakkar b'għożża kbira.

U biex hawn ġo din il-laqgħa
Aħna nuru 'l-President
Li tkabbarna li hu ntgħażel
Kap ukoll f'Dipartiment.

Darba qal poeta malti :
"Mary Meylak żgur saħħara".
U għalhekk qed iddur magħkom
Bla ma lilha ħadd ma jara !

Bil-bakketta maġka tmisskom,
Iva lkoll wara xulxin,
Biex mill-Mons. u mill-Profs. Galea
Tiġu minnhom imdakkrin.

Hajja twila, ġieħ u kobor
Fuq daw' l-Membri hawn resqin
Ġewwa ħdan iż-żmien misrura
Imma żgur fuqkom ġejjin !

Sa nixorbu lkoll bis-saħħa
Ta' Dun Karm u tal-Profs. tagħna
U qalb waħda aħna nibqgħu
Aħna magħhom u huma magħna !